

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni****(Każ COMP/M.6505 – STE/UTC/JV)****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)****(2012/C 60/09)**

1. Fil-21 ta' Frar 2012 il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 139/2004<sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża Vision Technologies Aerospace Ltd, (VTA, Singapor), sussidjarja li hija proprjetà kollha kemm hi ta' Singapore Technologies Engineering Ltd, ("STE", Singapor), u Pratt and Whitney Line Maintenance Services Inc. ("PWLMS", l-Istati Uniti) sussidjarja li hija proprjetà kollha kemm hi ta' United Technologies Corporation ("UTC", USA) jakkwistaw, fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament dwar l-Għaqdien, kontroll konġunt ta' impriża konġunta maħluqa mill-ġdid.

2. L-aktivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- STE – grupp integrat tal-ingħejjerja li jipprovd servizzi fis-setturi aerospazjali, tal-elettronika, tas-sistemi fuq l-art u tal-baħar,
- VTA – kumpanija holding,
- UTC – prodotti ta' teknoloġija għolja u servizzi għas-sistemi ta' bini u industriji aerospazjali madwar id-dinja,
- PWLMS – servizzi ta' ħasil tal-muturi tal-vetturi navali,
- JV – servizzi ta' ħasil EcoPower tal-muturi tal-vetturi navali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdien. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ġerti konċentrazzjonijiet taħbi ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdien<sup>(2)</sup> ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħbi il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejil lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħbi in-numru ta' referenza COMP/M.6505 – STE/UTC/JV, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament tal-KE dwar l-Għaqdien”).

<sup>(2)</sup> ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 (“Avviż ta’ proċedura simplifikata”).